MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 757/2005

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**John Farrugia u b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2006 giet kjamata fil-kawza, fuq talba tas-socjeta' attrici, is-socjeta' Hydro Rocks Contractors Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija hamsa u hamsin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm355.47), illum ekwivalenti ghal tmien mija u tmienja u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€828.25), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hsarat minnu kkagunati lill-proprjeta' tas-

socjeta’ fuq telefon ‘cables’ fi Triq Rihan, Fgura fl-10 ta’ Mejju, 2004 (GT3/2004/22 INV.15171).

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ighaddi ghall-hlas, izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi l-eccipjent ma kienx legalment responsabbli ghall-hsara li allegatament garrbet is-socjeta’ attrici. Din il-hsara grat unikament tort ta’ nuqqas tal-istess socjeta’ attrici.

Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjent, ma hemmx danni x’jigu likwidati favur is-socjeta’ attrici. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, il-konvenut eccepixxa ulterjorment li s-socjeta’ attrici ghandha ggib il-provi skond il-ligi tal-quantum tad-danni minnha allegatament subiti.

Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas tad-danni favur is-socjeta’ attrici.

Salvi eccezzjonjiet ohra premessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici.

B’digriet ta’ dan it-Tribunal tat-30 ta’ Marzu, 2006 giet kjamata fil-kawza, fuq talba tas-socjeta’ attrici, is-socjeta’ Hydro Rocks Contractors Company Limited.

It-Tribunal ra r-risposta tas-socjeta’ kjamata fil-kawza li eccepiet illi hija ma kienitx legalment responsabbli ghall-hsara li allegatament garrbet is-socjeta’ attrici. Din il-hsara grat unikament tort ta’ nuqqasijiet tal-istess socjeta’ attrici.

Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjent, ma hemmx danni x’jigu likwidati favur is-socjeta’ attrici. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ attrici ghandha ggib il-provi skond il-ligi tal-quantum tad-danni minnha allegatament subiti.

Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas tad-danni favur is-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonjiet ohra premessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Victor Busuttil li huwa mpjegat bhala 'Senior Technical Officer' mas-socjeta' attrici fis-sezzjoni tal-'overseers'.

Ix-xhud spjega li kienet saret applikazzjoni mis-socjeta' Asphaltar Ltd f'Jannar, 2004, li kienet iggib in-numru 13604, fejn is-socjeta' attrici giet infurmata li kienu ser isiru xi xogholijiet ta' 'trenching' fi Triq Rihan, Fgura.
Ighid li mbaghad il-konvenut kien infurmah li kien gie 'subcontracted' mis-socjeta' Asphaltar Ltd. sabiex jaghmel ix-xogholijiet. Kienu baghtu 'overseer' sabiex jaghmel il-marki minn fejn kienu ghaddejjin il-'cables'. Kien fl-10 ta' Mejju, 2004 li l-konvenut kien laqat il-'cables'. Kien nizel impjegat mal-konvenut li kien ammetta li kien laqat il-'cable' u kien lest li jaghmel tajjeb ghall-hsara.

Ra x-xhieda ta' John Farrugia li kkonferma li huwa Direttur tas-socjeta' Hydro Rocks Limited li hija kumpanija li tappartjeni lilu. Ighid li l-ammont mhux dovut peress li huma m'humiex responsabbli.

Ra x-xhieda ta' Dr. Keith Grech li jispjega li kien hemm permess li nghata lis-socjeta' Asphaltar Ltd. sabiex tkun tista' taghmel xogholijiet ta' skavar. Pero', dik is-socjeta' kienet qabbdet kuntrattur, cioe' il-konvenut, sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet.

L-istess xhud jistqarr li dak li xehed fuqu jirrizultalu mill-process, izda jaf kemm mir-rapport tal-Pulizija, kif ukoll minn nies teknici, li x-xoghol kien qed jigi ezegwit kemm mis-socjeta' Asphaltar Ltd, kif ukoll mill-konvenut.

Ighid ukoll li meta jinhareg il-permess tal-ADT ikun hemm diversi kundizzjonjiet marbutin mieghu li wahda minnhom hi li l-kuntrattur ghandu jinforma lis-socjeta' attrici ta' l-

anqas tlett ijiem qabel ma jibda jezegwixxi x-xoghol. Ukoll f'kazijiet ta' skavar, il-kuntrattur ghandu juza' ghodda ta' l-idejn u juza' distanza minn fejn ikunu jinstabu l-marki maghmula mis-socjeta' attrici sabiex tindika fejn kienu jinstabu l-'cables'.

Ix-xhud jispjega ukoll li kien fis-26 ta' Frar, 2004 li s-socjeta' attrici kienet tat avviz tal-presenza tal-'cables' taghha u kien fil-5 ta' Mejju, 2004, li s-socjeta' attrici ghamlet il-marki.

Jikkonferma li l-hsarat graw fil-'cables' peress li l-konvenut ma kienx zamm id-distanza mitluba fil-kundizzjonijiet mahruga mal-permess. Il-hsara fil-fatt giet ikkagunata fil-profondita', ezatt taht il-marki.

Ighid li kien sar rapport mal-Pulizija u l-ammont tal-hsara kien jikkonsisti fis-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm250.62) bhala 'labour costs', hamsin lira maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm50.63) bhala spejjez materjali, flimkien ma' erbgha u hamsin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm54.22) bhala VAT, b'total ta' tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm355.47) illum ekwivalenti ghal tmien mija u tmienja u ghoxrin Euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€828.25).

Ra x-xhieda ta' Joseph Schembri, impjegat bhala Technical Executive Officer mas-socjeta' attrici, li jispjega li fl-10 ta' Mejju, 2004 kienu gew infurmati li kienu ntlaqtu zewg 'cables' tat-telefon fi Triq Rihan, Fgura ta' mitt par-il wiehed, waqt xoghol ta' skavar li sar mill-konvenut li kien gie 'subcontracted' mis-socjeta' kjamata fil-kawza.

Jikkonferma li l-konvenut kien ammetta ma' Michael Caruana li kien ikkaguna l-hsara u li kien dispost li jiffirma li kien responsabbli ghall-hsarat. Kien ipprepara dikjarazzjoni sabiex il-konvenut jiffirmaha, izda meta mar fuq is-sit, ma riedx jiffirma minhabba parir li kienu tawh l-assikurazzjoni,

Dakinhar hu mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Rahal Gdid.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Bonnici, li jahdem bhala ‘Senior Technician’ mas-socjeta’ attrici li jispjega li hu kien mar ma’ Michael Caruana, impjegat iehor tas-socjeta’ attrici, u kienu marru jaghmlu l-marki. Kien akkumpanjah diversi drabi meta nizzlu fuq il-post sabiex jaraw ix-xogholijiet. Jikkonferma li kienet grat hsara f’zewg ‘cables’ tal-mija u li dawn il-‘cables’ kienu jinstabu f’profondita’ ezatt taht il-marki li kienu ghamlu.

Ix-xhud ighid li huma jaghmlu l-marki fit-triq minn fejn ikunu ghaddejjin il-‘cables’, u kienu ukoll jaghmluhom fuq il-bankina, sabiex jekk tithaffer it-triq, il-marki kienu jibqghu hemmhekk.

Kien nizel fuq il-post ma’ Michael Caruana u kienu sabu li l-hsara kienet ezatt fejn kien hemm marka u fil-fatt din il-marka kienet ghada hemm.

Mill-hsara ma setax jikkonferma jekk intlaqatx il-‘cable’ permezz ta’ makkinarju jew bl-idejn.

Jikkonferma li bhala fond il-‘cable’ kien jinstab tajjeb, ghalkemm ma kienux hadu l-kejl. Oltre minn hekk, il-‘cable’ kellu l-protezzjoni. Izid jghid illi l-marki jsiru individwalment.

Ix-xhud ighid li kien tkellem mal-konvenut li kien ammetta li kien tort tat-tfal tieghu ghaliex kien halla f’idejhom u li kien dispost jaghmel tajjeb ghall-hsara li kienu kkagunaw.

Ra x-xhieda ta’ Michael Caruana, li jahdem bhala ‘Senior Technician’ mas-socjeta’ attrici u li jikkonferma x-xhieda ta’ Joseph Bonnici li kien mieghu ghall-immarkjar u meta giet konstatata il-hsara. Ighid ukoll li l-konvenut kien ammetta mieghu li kien ikkaguna l-hsara u li kien dispost jiffirma dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’.

Caruana jghid li meta marru jaghmlu l-marki kienu ghamlu ‘dotted line’, u vlegga minn naha ghal ohra u l-‘cable’ kien

ezatt taht. Meta sar it-thaffir, il-marki ma kienux jidhru, hlief ghal gnub tal-vlegga

Caruana jghid li l-‘cable’ kien aktar ‘l isfel minn zewg piedi u meta rawh kien jidher li l-‘cables’ kellhom protezzjoni. Kien hemm gebel tal-konkos bhala protezzjoni.

Ix-xhud Caruana jghid li l-persuna li kienet ikkagunat il-hsara kienet cemplet hi stess u ammetta li kien halla zewg guvnotti jaghmlu x-xoghol u dawn kienu li kkagunaw il-hsara fil-‘cable’.

Ra x-xhieda ta’ l-Inginier Ives Pocock li kkonferma l-istess xhieda ta’ Dr. Keith Grech. Jispjega li bhala Inginier ma kienx jinzel fuq il-post fejn tkun saret il-hsara hlief meta ikun ntlaqghat ‘cable’ ta’ 1,600 par. Jezamina d-dokumenti u mbaghad ikun f’posizzjoni li jaghmel stima tal-hsarat.

Ra x-xhieda ta’ Phyllis Mangion li ghandha l-kariga ta’ ‘Senior Principal’ fil-‘Billing Section’. Tikkonferma li fl-10 ta’ Gunju, 2004 kienet harget fattura bin-numru 15171 fl-ammont ta’ tlett mija hamsa u hamsin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm355.47) fil-konfront tal-konvenut.

Jikkonferma li l-fattura harget kontra l-konvenut minhabba hsarat ikkagunati lill-‘cables’ tas-socjeta’ attrici waqt xogholijiet ta’ skavar fi Triq Rihan, Fgura.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Chircop li ghandu l-kariga ta’ ‘Assistant Manager’ mal-ADT li esebixxa kopja tal-permess numru 136/04 relattiv ghal-applikazzjoni sabiex isiru xi xogholijiet fit-toroq.

Ra x-xhieda ta’ PS 1067 Mario Spiteri li kien ha r-rapport ghaliex dakinhar li saru l-hsarat kien l-‘Investigating Officer’. Ighid ukoll li kienu gew istitwiti proceduri kontra l-konvenut fis-16 ta’ Gunju, 2004, izda dan kien hareg liberat.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Schembri li kien mar fuq il-post u sab li kien hemm ‘cable’ maqtugh, kif ukoll trinka. Il-‘cables’ kienu maqtughin ‘right through’. Huwa izid jghid li

ra il-marki ukoll u ma osserva xejn li mhux tas-soltu. Ighid ukoll li ma kienx kejjel il-fond.

Ra x-xhieda ta' Charlot Vella li huwa mpjegat ta' Elmo Insurance, li tassikura lis-socjeta'Asphaltar Limited. Ighid li l-kuntrattur kien ghamel 'claim' minhabba l-hsarat li kien ikkaguna fil-'cables' tal-Maltacom.

Hu nizel personalment fuq il-post u dan minhabba li l-assikurat kien allega li l-'cables' ma kienux jinsabu fil-fond kif rikjest. Jikkonferma li mil-linja fejn kienu l-'markings' sa' fejn kien hemm il-'cables' kien hemm sittax-il pulzier. Il-fond kien ta' dsatax-il pulzier. Normalment, skond ir-regolamenti tal-Maltacom, il-fond ikun ta' zewg piedi u nofs u cioe' madwar tletin pulzier. Generalment dawn ir-regolamenti ikun jafhom il-kuntrattur u jinformahom. Ukoll hamrija kienet qed tkopri lil dawn il-'cables', izda ma kienx hemm konkos jew 'marking tapes'. Jghid li bhala assikurazzjoni ma hallsu xejn. Ighid ukoll ma kienx jaf x'distanzi suppost izomm kuntrattur.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Ra d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

In linea preliminari, huwa fatt stabbilit li minkejja li kienet saret l-applikazzjoni originali mis-socjeta' Asfaltar Ltd., din l-istess socjeta kienet ghamlet sub-appalt mal-konvenut, jew mas-socjeta' li taghha l-konvenut kien Direttur u cioe' s-socjeta' Hydro Rocks Contractors Company Limited. Effettivament, is-socjeta' giet kjamata fil-kawza ghall-integrita' ta' gudizzju u l-istess socjeta' qajjmet l-istess eccezzjonijiet bhal dawk tal-konvenut: li ma kienux responsabbli ghall-hsarat li gew kkagunati fil-'cables' tas-socjeta' attrici.

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura kien inkariga lis-socjeta' Asfaltar Ltd. sabiex taghmel xi xoghol fi Triq Rihan, Fgura u dan kif jirrizulta mill-permess li jgib in-numru 0136/2004. Dan il-permess inhareg mill-Awtorita' Dwar it-Trasport, kif inhi l-

prassi. Din l-applikazzjoni tigi ccirkolata mad-diversi Dipartimenti jew entitajiet li jista' jkollhom xi apparat fis-sottoswol sabiex jittiehdu l-mizuri kollha mehtiega biex ma ssirx hsara fl-apparat.

Minhabba li fis-sit fejn kien ser isir it-thaffir kien hemm 'cables' tal-Maltacom ghaddejjin, il-permess ikun limitat minhabba kundizzjonjiet imposti mill-istess socjeta' attrici. Dawn il-kundizzjonijiet jistipulaw fl-ewwel lok l-obbligu tas-socjeta' attrici li tindika fuq is-superfici tat-triq b'mod kemm jista' jkun ezatt, il-posizzjoni tat-'Telecommunications Infrastructure' ezistenti. Biss l-istess socjeta' attrici ma taghti ebda garanzija li dawn il-marki li jsiru mill-impjegati taghha jkunu ezatti. L-istess kundizzjonijiet ghalhekk jobbligaw il-kuntrattur li jiehu "*all the responsibility to take the necessary precautions to assure that the underground infrastructure is not damaged.*" Fost dawn il-prekawzjonijiet il-kundizzjonjiet jistipulaw li l-kuntrattur ghandu jaghmel "*the appropriate number of pilot holes to ascertain oneself the whereabouts of the buried plant with the aim that no damage is caused.*" L-istess Klawsola 2 tal-kundizzjonijiet tistipola ukoll li inoltre "*the contractor is to make use of the proper track location equipment.*"

F'Klawsola 3 ta' l-istess kundizzjonjiet jinghad li "*optic cables, empty ducts and cables laid beyond a certain depth cannot be tracklocated.*" Ghalhekk f'dan il-kaz il-kuntrattur huwa obligat li juza' apparat ta' tahfir li ma jikkawzax hsara lil din l''infrastructure'*. "Hand tools are recommended for such work".*

Jidher mill-analizi ta' dawn il-kundizzjonjiet, li l-konvenut **in parti** ottempera ruhu maghhom fis-sens li kienu gew l-'overseers' tas-socjeta' attrici, li kienu ghamlu l-marki minn fejn kienu ghaddejjin il-'cables' u l-konvenut kien segwihom u haffer fejn kien indikat lilu. Pero', fil fehma tat-Tribunal din l-osservanza sa hawn biss tasal!

Infatti, sa hawn kollox kien jidher regolari, sakemm intlaqtu zewg 'cables' ta' 100 par kull wiehed. Mhux qed jigi kkontestat li l-hsara giet kkagunata mill-konvenut, jew ahjar mis-socjeta' kjamata fil-kawza, kif qed tikkontendi s-

socjeta’ attrici, izda l-konvenuti jew min minnhom, qed topponi ghal din it-tesi, billi qed isostni li ma setghux jinzammu responsabbli meta l-‘cables’ ma kienux jinstabu fil-fond regolamentari.

Is-socjeta’ attrici, fis-sottomissjonijiet taghha, targumenta li min ihaffer jaghmel dan a riskju tieghu (Qorti tal-Kummerc – Mallia noe vs Camilleri 16.06.1969). Il-konvenuti jew min minnhom ma jaqblux ma’ din it-tesi ghaliex fil-fehma taghhom hemm riskju biss meta Kuntrattur ihaffer ben konxju tal-fatt li hemm servizz ghaddej fis-sottoswol, u ma japplikax ghal permess sabiex jaghmel it-thaffir tieghu. Hawn biss jista’ jinghad li jekk ihaffer ikun negligenti u li dan jaghmlu a riskju tieghu.

Dan it-Tribunal ma jaqbilx ghal kollox ma dan l-irragunar li jista’ talvolta jkun validu jekk jirrizulta li l-konvenut jew il-kjamat fil-kawza gew zgwidati mis-socjeta’ attrici jew l-impjegati taghha. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, u partikolarment li l-konvenut stess tefa htija fuqu innifsu peress li halla x-xoghol f’idejn uliedu, il-fatt li l-hsara kienet ezatt taht fejn saru il-marki, u il-mod kif tqacctet il-‘cable’, huma ndikattivi illi fix-xoghol ta’ trinkar ma ttiehdux dawk il-prekawzjonijiet li l-Klawsoli 2 u 3 supra jindikaw bhala necessarji u opportuni.

Anke jekk it-Tribunal kellu jiehu bhala assolutament vera il-verzjoni tal-konvenut u cioe dwar l-immarkar, il-fond tal-‘cables’ u jekk kienx hemm protezzjoni – xhieda li hi piu’ o meno kontraddetta minn dik tal-impjegati tas-socjeta’ attrici, xorta wahda it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li l-konvenut jew il-kjamat fil-kawza kellu jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex f’kaz li l-‘cables’ ma kienux ezatt fejn indikati jew fil-fond indikat, ma tigrix hsara. Ma jirrizultaz li saru ‘pot-holes’ jew li x-xoghol sar bl-idejn bil-kura u attenzjoni sakemm jigu jidhru il-‘cables’. Jirrizulta li l-‘cable’ gie imqaccta ‘right through’. L-argument li jekk il-‘cables kienu f’inqas fond allura m’hemmx htija jmur kontra il-principju ta’ ekwita’ li dan it-Tribunal hu tenut li japplika fil-gudizzju tieghu. Ta’ importanza partikolari huwa il-fatt li l-marki saru ezatt fejn kien hemm il-‘cables’ li kien jirrikjedi attenzjoni fl-esekuzzjoni tax-xoghol. L-istess

jinghad dwar jekk kienx hemm protezzjoni jew le. Kieku x-xoghol sar b'attenzjoni u kif indikat fil-Klawsoli 2 u 3 supra, jekk veru ma kienx hemm protezzjoni fuq il-'cable', il-konvenut jew kjamat fil-kawza kienu jindunaw u jevitaw li jqacctu il-'cable'.

Il-konkluzjoni li ghalhekk jasal ghaliha it-Tribunal hija li anke jekk kien hemm xi nuqqasijiet da parti tas-socjeta' attrici, per ezempju fil-fond li fih kien jezisti il-'cable' jew li ma kienx hemm protezzjoni adegwata tal-'cables' dan ma kienx jezonera lill-konvenut u kjamat fil-kawza milli jadoperaw l-attenzjoni kollha necessarja biex jassikuraw li f'kazi bhal dawn xorta wahda ma tigrix hsara. Hu assurd da parti tal-konvenut u kjamat fil-kawza jippretendu li ghax il-'cable' kien ftit pulzieri aktar il-fuq m'ghandhomx ikollhom responsabbilta'. F'dan it-tip ta' xoghol, l-importanti hija l-attenzjoni u mhux il-precizjoni tal-mizurazzjonijiet forniti mis-socjeta' attrici.

Kwantu ghal quantum, it-Tribunal hu soddisfatt li saret il-prova opportuna.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kjamat fil-kawza jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront taghhom li qed jigu ikkundannati ihallsu bl-ispejjes kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------